MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 987/2012

**Ronnie Grima (ID 190274M)**
**u martu Diane Grima (ID 2876M)**

***kontra***

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fl-1 ta` Ottubru 2012 li jaqra hekk –

*Ill l-esponenti istitwew kawza fl-ismijiet "Ronnie u Diane konjugi Grima v. Chairman Korporazzjoni Enemalta, White Brothers Limited u Polidano Service Station and Plant Hire Limited" (Citazzjoni Numru 83/2004) li permezz taghha talbu l-hlas tad-danni sofferti minnhom konsegwentement ghal incident li sehh fl-24 ta` Lulju 2002 fuq il-post tax-xoghol u dan waqtr il-hin tax-xoghol u matul il-qadi tad-doveri tieghu, l-esponenti sofra dan fuq il-persuna tieghu li b`konsegwenza taghhom tilef ix-xoghol u sofra dizabilita` permanenti ;*

*Illi l-imsemmija kawza tinsab tutora pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, wara li b`sentenza datata 13 ta` Lulju 2009, din l-Onorabbli Qorti kienet ikkundannat lis-socjetajiet White Brothers Limited u Polidano Service Station and Plant Hire Limited, solidament, sabiex ihallsu lill-esponenti dan li gew likwidati fl-ammont ta` €124,528.30 oltre l-imghaxijiet legali mid-data tal-precitata sentenza u l-ispejjez guidizzjarji (vide anexa kopja tas-sentenza msemmija markata Dokument "RG1") ;*

*Illi l-esponenti saru jafu recentement illi s-socjeta` Polidano Service Station and Plant Hire Limited (C-12565) giet imhassra mir-registru tal-kumpanniji, ai termini tal-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji, b`effett mill-31 ta` Jannar 2012, hekk kif jirrizulta mill-anness Dokument mared "RG2" ;*

*Illi l-esponenti hassew rwiehhom aggravati bil-fatt li l-isem tas-socjeta` Polidano Service Station and Plant Hire Limited (C-12565) thassar minn fuq ir-registru tal-kumpanniji u ghandhom interess li l-isem tal-imsemmija socjeta` jerga` jidhol fir-registru tal-kumpanniji saqbiex l-imsemmija kawza tkun tista` titkompla kontra l-istess socjeta` u l-eventwali titolu ezekuttiv ottjenut mill-esponenti jkun jista` jigi ezegwit fil-konfront taghha ;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni :*

*1. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji (i) jerga` jdahhal l-isem tas-socjeta` Polidano Service Station and Plant Hire Limited (C-12565) fir-registru tal-kumpanniji, sabiex b`hekk l-istess socjeta` titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar, u kif ukoll (ii) jaghmel il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattivament ghal tali inserzjoni fir-registru tal-kumpanniji, u dana kollu taht dawk id-direzzjoni u dawk il-provvedimenti li jistghui jidrulha xierqa.*

*Bl-ispejjez.*

Rat iz-zewg dokumenti li r-rikorrenti pprezentaw flimkien mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta tal-intimat, li kienet guramentata, u prezentata fit-30 ta` Ottubru 2012 u li taqra hekk –

*Illi l-kumpannija Polidano Service Station and Plant Hire Limited (C12565) kienet giet registrata fil-15 ta` April 1991 u sussegwentement prezentat ghar-registrazzjoni d-dokumenti tal-compliance sabiex tigi regolata taht l-Att dwar il-Kumpanniji 1995.*

*Illi madanakollu l-kumpannija in kwistjoni naqset ghal diversi snin milli tosserva l-obbligi u d-dmirijiet legali taghha taht l-istess Att. Tant hu hekk illi l-ahhar kont annwali li baghtet il-kumpannija kien igib id-data tas-7 ta` Dicembru 2001 filwaqt illi l-ahhar prospett annwali kien tat-30 ta` April 2001.*

*Illi l-fatt illi l-kumpannija in kwistjoni baqghet ma ottemperatx ruhha mal-obbligi legali taghha bhala kumpannija ghal diversi snin kien raguni bizzejjed sabiex ir-Registratur tas-Socjetajiet jassumi li din il-kumpannija ma kienetx qed topera jew mexxi negozju ai termini ai termini tal-Artikolu 325 ta` l-Att dwar il-Kumpanniji 1995.*

*Illi meta nbaghtet il-korrispondenza lill-kumpannija in kwistjoni u lill-ufficjali taghha u meta nhargu l-pubblikazzjonijiet preskritti mill-Artikolu 325 ta` l-Att, l-ebda persuna ma wera xi interess li seta` kellhu sabiex l-isem tal-kumpannija Polidano Service Station and Plant Hire Limited (C12565) ma jithassarx minn fuq ir-Registru.*

*Illi ghalhekk l-intimat Registratur mexa sabiex jipprocedi bil-pubblikazzjoni ta` avviz li l-isem tal-kumpannija in kwistjoni kien gie mhassar minn fuq ir-Registru b`effett mill-31 ta` Jannar 2012.*

*Illi fil-kaz ojern ir-rikorrenti qeghdin jistitwixxu dawn il-proceduri quddiem dina l-Onorabbli Qortu sabiex l-isem tal-kumpannijakif jidher car mill-fatti suesposti, ir-rikorrent kellu bizzejjed cans kemm qabel u kif ukoll wara l-pubblikazzjoni ta` l-avvizi kollha sabiex jinforma lir-Registratur tal-Kumpanniji dwar x`interessi illi seta` kellu l-isem tal-kumpannija jibqa` fuq ir-Registru izda dan baqa` inadempjenti.*

*Illi jekk dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun illi tilqa` t-talba kif maghmula mir-rikorrent sabiex l-isem tal-kumpannija Polidano Service Station and Plant Hire Limited (C12565) jerga` jitqieghed fuq ir-Registru. Dan fuq il-premessa illi huma ghandhom l-interess illi l-kawza li ghandhom pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell kontra l-istess socjeta` tkun tista` tkompli fil-kors taghha.*

*Illi jekk dina l-Onorabbli Qorti thoss illi r-rikorrenti jikkwalifikaw sabiex iressqu l-azzjoni odjerna u jekk hija sodisfatta illi jkun xieraq illi l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-Registru u billi r-rikorrenti agixxew entro l-hames snin mill-pubblikazzjonijiet ta` l-avvizi tat-thassir ta` l-isem tal-kumpannija, ir-Registratur ma joggezzjonax illi l-isem tal-kumpannija in kwistjoni jerga` jitqieghed fuq ir-Registru.*

*Illi madanakollu r-Registratur umilment jissolleva illi fis-sentenza taghha dina l-Qorti ghandha tipprovdi terminu mprorogabbli li jibda jiddekorri mid-decizjoni ta` l-Appell sabiex eventwalment, jekk ikun il-kaz, ir-rikorrenti jkunu jridu jezegwixxu t-titolu ezekuttiv ottenut fil-konfront ta` l-istess socjeta`. Dan sabiex fuq ir-Registru ma jkunx hemm kumpanniji li mhumiex in regola mal-ligi ghal zmien twil bla bzonn.*

*Bl-ispejjez u salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum, u d-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum stess.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>L-Art.325 tal-Kap.386</u>**

**Dan l-artikolu huwa kompost minn seba` (7) subartikoli. L-intimat ghadda ghat-thassir mir-registru tal-isem tal-kumpannija Polidano Service Station and Plant Hire Limited (C12565) abbazi tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) subartikoli [ara Dok RG2]. Fil-**

**procediment tal-lum, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu li l-isem tal-kumpannija de qua jitqieghed mill-gdid fir-registru abbazi <u>tas-subartikolu erbgha (4)</u>. Huwa ben evidenti illi s-subartikoli tlieta (3), hamsa (5), sitta (6) u sebgha (7) ma jghoddux ghall-kaz tal-lum. Unikament ghall-fini ta` kompletezza, din il-Qorti sejra xorta wahda ticcita l-artikolu shih biex imbaghad tghaddi ghall-osservazzjonijiet taghha.**

L-artikolu jaqra hekk –

*(1) Meta r-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb li kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista' jibghat lill-kumpannija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpannija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera.*

*(2) Jekk ir-Registratur jircievi twegiba fis-sens li l-kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jircevix twegiba fi zmien xahar minn meta jkun baghat l-ittra, dan jista' jibghat lill-kumpannija bil-posta u jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f 'Malta li, f`eghluq tliet xhur mid-data ta' l-ahhar pubblikazzjoni ta' l-imsemmi avviz, l-isem tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju jew jekk ir-Registratur ikun sodisfatt li hemm ragunijiet bizzejjed biex ma jipprocedix bit-thassir, jithassar minn fuq ir-registru, u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta.*

*(3) Jekk, f'xi kaz fejn kumpannija tkun qed tigi stralcjata volontarjament, ir-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb jew li ebda stralcjarju ma jkun qed jagixxi jew li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu stralcjati ghal kollox, u li l-prospetti li huma mehtiega li jsiru mill-istralcjarju skond l-artikolu 322 ikunu tard b'sitt xhur jew iktar, ir-Registratur jista' jippubblika fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog*

*kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f'Malta, avviz li f'eghluq tliet xhur mill-ahhar pubblikazzjoni ta' l-imsemmi avviz, l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintweriex raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u konsegwentament li l-isem tal-kumpannija jithassar minn fuq ir-registru. Ir-Registratur ghandu jiehu hsieb jibghat bil-posta kopja ta' l-imsemmi avviz lill-kumpannija u lill-istralcjarju, jekk ikun hemm. Malli jaghlaq l-imsemmi zmien ta' tliet xhur l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u r-Registratur ghandu jhassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta.*

*(4) Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra*
*li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz tat-thassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga' jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta' kopja ufficjali ta' l-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar; u l-Qorti tista' bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih ighaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f'Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

*(5) Avviz mibghut taht dan l-artikolu jista' jigi indirizzat lill-istralcjarju fil-post tan-negozju jew fl-indirizz tieghu l-ahhar maghruf, u ittra jew avviz li ghandu*

*jintbaghat lil kumpannija ghandu jigi indirizzat lill-kumpannija fl-ufficcju registrat taghha.*

*(6) Minkejja li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru skond id-disposizzjonijiet ta' qabel dan l-artikolu, ir-responsabbilità,*
*jekk il-kaz, ta' kull direttur jew ufficjal iehor tal-kumpannija u ta' kull membru tal-kumpannija ghandha tkompli u tista` tigi infurzata daqslikieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar mir-registru.*

*(7) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 429(1), id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu japplikaw ghal kumpannija li x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali taghha jkunu regolati bl- Ordinanza.*

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Risultanzi</u>**

Din il-Qorti tghid mill-ewwel illi **<u>unikament</u>** minhabba l-inadempjenzi tal-kumpannija Polidano Service Station and Plant Hire Limited fil-konfront tal-intimat (kif imfisser ahjar fir-risposta) l-intimat, bhala regolatur, kellu bizzejjed ragun biex jaghti bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem ta` dik il-kumpannija minn fuq ir-registru skond is-subartikolu (1) tal-Art.325. Jidher illi l-intimat segwa l-procedura kollha prevista mis-subartikolu (2) tal-Art.325. U ghaliex il-kumpannija de qua xorta wahda baqghet inadempjenti, skatta t-thassir ta` l-isem taghha mir-registru skond l-istess subartikolu (2) tal-Art.325.

**Din il-Qorti tghid illi kien ippruvat ghas-sodisfazzjon taghha u sal-grad rikjest mil-ligi illi l-azzjonijiet kollha li ha l-intimat, mill-bidu sal-ahhar fir-rigward tal-kumpannija de qua.**

Din il-Qorti tghid illi waqt li jkun ghaddej it-terminu ta` tliet xhur li jissemma fis-subartikolu (2) tal-Art.325, trid tkun il-kumpannija, permezz tar-rapprezentanti legali taghha fiz-zmien in kwistjoni, li jridu jissodisfaw lill-intimat illi hemm ragunijiet bizzejjed sabiex l-intimat ma jipprocedix bit-thassir. Jekk dawk il-persuni jew ma jiehdux azzjoni inkella ma jissodisfawx lill-intimat fit-terminu ta` tliet xhur, id-dekorrenza ta` dak l-istess terminu johloq stat fil-konfront tal-kumpannija u l-isem jithassar. Jigi rilevat ukoll illi t-thassir tal-isem skond is-subartikolu (2) tal-Art.325 mhuwiex intiz sabiex jolqot lil dawk il-persuni li huma indikati fis-subartikolu (4) tal-Art.325. Ghalhekk membru **jew** kreditur tal-kumpannija, **jew** xi persuna ohra li jkollha interess ma ghandhomx l-obbligu li jissodisfaw lill-intimat ai termini tas-subartikolu (2) tal-Art.325. Kwindi d-dekorrenza tat-terminu ta` tliet xhur imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Art.325 ma johloqx stat fil-konfront taghhom. Dment illi **dawk** il-persuni jissodisfaw ir-rekwiziti tas-subartikolu (4) tal-Art.325, huma jistghu jirnexxu fit-talba taghhom sabiex l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-registru. Is-subartikoli (2) u (4) tal-Art.325 huma ghalhekk distinti ghax jolqtu persuni b`interessi differenti.

Ghar-rigward tal-kaz tal-lum, din il-Qorti tghid illi r-r-rikorrenti jikkwalifikaw biex jitolbu rimedju skond is-subartikolu (4) fl-ewwel lok ghax huma *kredituri* u huma wkoll persuni li ghandhom *interess.* Fis-subartikolu (4) il-legislatur ma kkwalifikax il-*kreditur* bil-htiega li jkun *kanonizzat;* bizzejjed li jkun *kreditur.* Li l-hsieb tal-legislatur kien illi jwessa` (mhux jirrestingi) l-kwalita` tal-persuni li jitolbu rimedju skond is-subartikolu (4) huwa konfermat bil-fatt li nkluda wkoll persuni b`*interess* li l-isem tal-kumpannija ma jibqax imhassar. Fil-kaz ta` persuni b`*interess,* il-ligi *testwalment* ma tirreferix ghal pregudizzju pero` huwa evidenti li l-pregudizzju huwa konsiderazzjoni li tkun trid taghti l-Qorti kemm ghar-rigward ta` min ikun qieghed jaghmel it-talba, kif ukoll ghall-fondatezza tar-ragunijiet tieghu. Fil-kaz tal-lum, fuq l-iskorta tas-sentenza li kisbu favur taghhom fit-13 ta` Lulju 2009 kontra l-kumpannija de qua (u ohrajn) qabel id-data tat-

thassir ta` isem l-istess kumpannija mir-registru, ir-rikorrenti kellhom jedd imexxu bl-istanza tal-lum, ghalkemm is-sentenza kienet appellata u l-appell ghadu pendenti.  U mexxew entro l-hames (5) snin mill-pubblikazzjoni ta` l-avviz tat-thassir.  Kollox meqjus din il-Qorti tghid illi hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija Polidano Service Station and Plant Hire Limited jerga’ jidhol fir-registru.  Dan tghidu mhux biss ghaliex l-intimat mhuwiex qieghed jirregistra opposizzjoni, izda fuq kollox ghaliex bil-fatt li l-isem jibqa` imhassar, il-posizzjoni taghhom iggarrab pregudizzju kemm fl-appell pendenti mis-sentenza tat-13 ta` Lulju 2009, kif ukoll fi proceduri sussegwenti li jistghu jittiehdu mir-rikorrenti kontra l-kumpannija de qua wara li jkun deciz finalment l-appell.  U dan m`ghandux ikun.  Fl-istess waqt,  ghaliex tifhem id-dmirijiet u l-esigenzi regolatorji tal-intimat, din il-Qorti qeghda tipprovdi li l-isem tal-kumpannija Polidano Service Station and Plant Hire Limited ghandu jerga` jidhol fir-registru ghal zmien massimu ta` sentejn u sitt xhur li jibda jghodd mid-data illi fiha l-kawza fl-ismijiet *Ronnie u Diane konjugi Grima v. Chairman Korporazzjoni Enemalta et*, citazzjoni numru 83/04, tghaddi in gudikat. Fl-applikazzjoni tal-ligi, din il-Qorti qeghda tfittex bilanc kemm jista` jkun gust bejn l-interessi tar-rikorrenti u tal-intimat, meqjus il-fatt illi dan tal-ahhar ma ghandu l-ebda konfort, u wisq anqas garanzija, li bil-fatt l-isem tal-kumpannija Polidano Service Station and Plant Hire Limited jerga` jidhol fir-registru, dan sejjer jottempera ruhu mal-obbligi tieghu skond il-Kap.386.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda, bl-applikazzjoni tal-Art.325(4) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta, tipprovdi hekk -**

**1. Tiddikjara li hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija Polidano Service Station and Plant Hire Limited (C12565) jerga’ tidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2. Tordna li l-isem tal-kumpannija Polidano Service Station and Plant Hire Limited (C12565) jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji u jdum hekk registrat ghal zmien massimu ta` sentejn u sitt xhur li jibda jghodd mid-data illi fiha l-kawza fl-ismijiet *Ronnie u Diane konjugi Grima v. Chairman Korporazzjoni Enemalta et*, citazzjoni numru 83/04, tghaddi in gudikat.**

**3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex sa zmien hmistax (15)–il jum mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji kopja ufficjali ta` dan l-ordni ghar-registrazzjoni.**

**4. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, fi zmien hmistax (15) –il jum mid-data illi fiha r-Registratur tal-Qrati jikkonsenjalu kopja ufficjali ta` dan l-ordni, jirregistra l-kumpannija Polidano Service Station and Plant Hire Limited (C12565) fir-Registru tal-Kumpanniji u minn dakinhar tar-registrazzjoni, dik il-kumpannija ghandha titqies li kompliet l-esistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar.**

**5. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, fi zmien hmistax (15)–il jum mid-data tar-registrazzjoni tal-kumpannija Polidano Service Station and Plant Hire Limited (C12565) fir-Registru tal-Kumpanniji, ighaddi biex jippubblika avviz fuq il-*website* mizmuma minnu u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`dawn il-Gzejjer fejn jiddikjara illi l-isem tal-kumpannija Polidano Service Station and Plant Hire Limited (C12565) rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**6. Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-procedura nkluz dawk tal-esekuzzjoni tal-provvediment tal-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------